## XOGHOLIJIET MILL - MEMBRI TA' L-GHAQDA TAL - FOLKLOR

**Ġużè Cassar Pullicino** ħareġ il- "Folktales of Malta and Gozo" 2000 b'aktar minn 200 faċċata; fih daħħal ukoll xi ftit leġġendi. Kiteb ukoll il-kapitlu "The Folklore of Naxxar" fil-ktieb "Naxxar A Village and its People" Edit. Paul Catania u Louis J. Scerri, 2000. F'dan il-ktieb dwar in-Naxxar, insibu wkoll kapitlu "Casal Nasciaro During the Rule of the Knights" ta' **Kennieth Gambin,** u ieħor "Trades and Crafts of the Past in Naxxar" minn **Guido Lanfranco**. Lanfranco għamel serje ta' taħditiet dwar "Aspetti tal-Folklor Malti" fis-sede ta' l-AZAD il-Belt, dwar Folklor tal-Familja lill-membri ta' l-Universita tat-Tielet Eta, u taħditiet oħra dwar suġġetti folkloristiċi lil diversi ċentri u għaqdiet, u s-Sitt Kungress Mediku li sar f'Malta f'Settembru, dwar mediċina popolari. Minbarra dan kiteb għadd ta' artikoli f' ġurnali u programmi tal-festi, reċensjonijiet tal-ktieb "Qwiel u Qaddisin" ta' Victor J. Galea, u programmi fuq ir-Radju u t-televiżjoni, dejjem mill-lat folkloristiku. **Ġużè Chetcuti** ħareġ il-ktieb "Ġrajjiet mill-Hajja ta' Kappillan" li fih għoxrin novella f'aktar minn 130 paġna. **Joseph Vella Bondin** kiteb il-ktieb "Il-Mużika ta' Malta sa l-Aħħar tas-Seklu Tmintax" maħruġ fil-Kullana Kulturali tal-PIN. Għamel ukoll tlettax-il xandira fuq ir-radju tal PBS dwar "Il-Mużika Folkloristika ta' Malta" Fit-*Treasures of Malta* Summer 2000, Vol.VI No.3 **Anna Borg Cardona** kitbet dwar "Celestial Music For The Virgin". Din is-sena, **Pual George Pisani** ħareġ il-ktieb "Id-Duwa tal-Madalena", li kien ħejja missieru Ġorġ Pisani qabel ma miet u li ma laħqx ippubblikah. **Joseph C, Camilleri** kompla jikteb għadd ġmielu ta' artikoli fil-gazzatti u perjodiċi, dwar storja u aspetti ta' nteress folkloristiku. **Angelo Dougall** kiteb "The Maltese Balcony, A Historical Approach" ; issibu kopja tiegħu f'din il-ħarġa ta' "L-Imnara".

---------------

Nifirħu lil **Karmenu Ellul Galea** li rċieva l-medalja M.O.M. f'Jum ir-Repubblika.

---------------

*Nota Editorjali*: Hajr lis-Sur John Sciberras, membru tagħna, kittieb u għalliem tal-Malti, li ġentilment għoġbu jiċċekkja l-ortografija ta' l-artikoli li jidhru bil-Malti f'din il-ħarġa.